## PRIMARY SCHOOLS ANNUAL EXAMINATIONS 2001

Educational Assessment Unit - Education Division

| IR-RABA' SENA | STUDJI SOĊJALI | ĦIN: SIEGĦA |
|---|---|---|

Isem: ____________________________ Klassi: _______________

**A. Agħmel sing taħt it-tajba.**

1. Nuru li aħna ħbieb meta (niġġieldu, niftiehmu, ngħajtu) ma' xulxin.
2. Hija ħaġa sabiħa li wieħed dejjem jasal (fil-ħin, tard, bi ngħas).
3. Huwa tajjeb li (nittanta, naħrab, ngħin) lill-anzjani.
4. Aħna t-tfal għandna naraw programmi tat-T.V. li huma (ħżiena, tal-biża', tajbin) għalina.
5. L-annimali għandna ( nieħdu ħsiebhom, naħqruhom, norbtuhom).
6. Għandi naqsam it-triq (bl-addoċċ, bl-attenzjoni, bi traskuraġni).
7. Jiena nħobb (ninkwieta, nirrispondi, ngħin) lill-ġenituri.
8. Dejjem għandi naħsel (idejja, saqajja, rasi) qabel ma nibda niekol.
9. Meta xi ħadd jagħmel xi ħaġa tajba għandi ngħid (prosit, grazzi, skużi).
10. Fl-isports l-iktar ħaġa mportanti huwa li (nirbaħ, nitlef, nieħu sehem).

**(1x10=10 marki)**

**B. Ikteb 'iva' jew 'le'**

1. Niġbru l-ilma tax-xita fil-bir. _______________
2. Il-vit għandna nħalluh iqattar. _______________
3. F'Malta nsibu ħafna għejjun ta' l-ilma. _______________
4. L-ilma hu tajjeb għas-saħħa. _______________
5. Min jixxemmex, jitkemmex. _______________
6. Il-pjanti jsebbħu l-ambjent. _______________
7. Is-siġar jagħtuna arja ħażina. _______________
8. Is-siġar joffru kenn lill-għasafar. _______________
9. It-toroq għandna nżommuhom indaf. _______________
10. Fit-triq tista' tagħmel storbju kemm trid. _______________

**(1x10=10 marki)**

**Ċ. Qabbel.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | temperatura | | Riħ |
| 2. | pinnur | | Termometru |
| 3. | qawsalla | | Xitwa |
| 4. | kesħa | | tliet xhur |
| 5. | staġun | | Kuluri |

**(1x5=5 marki)**

## D. L-Innu Malti.

Lil din l-art ħelwa, l-Omm li tatna isimha,
Ħares, Mulej, kif dejjem Int ħarist;
Ftakar li lilha bl-oħla dawl libbist.

Agħti kbir Alla, id-dehen lil min jaħkimha,
Rodd il-ħniena lis-Sid, saħħa 'l ħaddiem;
Seddaq il-għaqda fil-Maltin u s-sliem.

**Wieġeb.**

1. Min hi *din l-art ħelwa?* ________________________________________
2. Min kiteb il-kliem ta' l-Innu Malti? __________________________________
3. 'Dehen' tfisser (mistħija, paċenzja, għerf).
4. L-Innu Malti huwa talba (lil Alla, lill-President, lill-Prim Ministru).
5. Għaliex għandna noqogħdu dritti meta jindaqq l-Innu Malti?

   ________________________________________________________
   ________________________________________________________
   ________________________________________________________
   ________________________________________________________

**(2x5=10 marki)**

## E. Imla l-vojt b'dawn il-kliem.

| |
|---|
| arja, Normanni, jiqsaru, Mediterran, Franċiżi, niżel, kiesaħ, Ruġġieru, gżira, akbar, Mikiel, sħana, jitwalu, dawl, Għarab |

1. Malta hija ______________ żgħira f'nofs il- baħar ______________.
2. Ix-xemx hija wisq ______________ mill-qamar.
3. Il-qamar huwa ______________ u bla ______________.
4. Il-bniedem ______________ fuq il-qamar.
5. Ix-xemx tagħtina d-______________ u s-______________.
6. Fis-sajf il-ġranet ______________ u l-iljieli ______________.
7. Il-Konti ______________ kien il-kap tan- ______________ li ġie Malta u rebaħ lill- ______________.
8. Dun ______________ Xerri kien eroj Malti li ried ikeċċi lill- ______________ minn Malta.

**(1x15=15-il marka)**

**F. Għaliex huma mportanti għalina dawn in-nies? Kompli s-sentenzi.**

1. Il-qassis ______________________________________________
______________________________________________
2. Il-pulizija ______________________________________________
______________________________________________
3. L-għalliem ______________________________________________
______________________________________________
4. Il-pustier ______________________________________________
______________________________________________
5. It-tabib ______________________________________________
______________________________________________

**(2x5=10 marki)**

**Ġ. Semmi.**

1. Tliet gżejjer fil-Mediterran minbarra l-gżejjer Maltin.

______________ ______________ ______________

2. Tliet pajjiżi fil-Mediterran.

______________ ______________ ______________

3. Żewġt ibliet kapitali f'żewġ pajjiżi tal-Mediterran.

______________ ______________

4. Żewġ monumenti mportanti f'pajjiżi tal-Mediterran.

______________ ______________

**(10 marki)**

**G. Daħħal dawn il-kliem fil-vojt.**

| L-Imnarja, Santa Marija, Milied, nar, Għid |
|---|

1. Fil-festa tal-______________ nippreparaw il-presepju.
2. Fl-______________ nagħmlu l-figolli.
3. Il-Maltin kienu jmorru l-ħarġa sal-Buskett fil-festa ta' ______________.
4. F'ħafna mill-festi tar-raħal, isir il-logħob tan-______________.
5. Wirja kbira t'annimali, frott u tjur issir fil-festa ta' ______________.

**(2x5=10 marki)**

**Ħ. Ħares lejn l-istampa u wieġeb.**




1. Ħares lejn l-istampa u għid liema staġun taħseb li hu.

_______________________________

_______________________________

______________________________.

2. Kif għandna nżommu l-indafa ħdejn il-baħar?

_______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________.

3. Semmi xi tip ta' ikel u xi tip ta' xorb li għandna nieħdu ħdejn il-baħar.

_______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________.

4. Kif tista tevita l-periklu ħdejn il-baħar?

_______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________.

5. Kif għandna nevitaw il-periklu tax-xemx?

_______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________.

**(2x5=10 marki)**

**H. Pinġi mappa tal-klassi tagħkom biex turi l-bieb\bibien, it-tieqa\twieqi, l-iskrivanija ta' l-għalliem u l-kompjuters.**

**(10 marki)**